MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 42/2006/1

**David Aquilina**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali, u b'digriet tal-5 ta' Jannar 2007 issejhu fil-kawza Dottor Vincent u Marjory Raimondo**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost minn David Aquilina, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2007. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Permezz ta' rikors prezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 2006, David Aquilina, l-appellant odjern, fisser li huwa kien gie imsejjah biex jidher quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fuq talba tal-konjugi Raimondo li kienu qed jitolbu li huwa jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) rappresentanti parti minn bilanc allegatament dovut minnu lilhom skond skrittura privata fl-atti tan-nutar Dott. Carmel Gafa` datata 10 ta' Settembru 1999, permezz ta' liema skrittura l-istess Aquilina kien irrenda ruhu debitur cert u likwidu favur l-imsemmija Raimondo fis-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000). It-Tribunal li kellu jidher quddiemu kien presjedut mill-Avukat (illum Magistrat) Dott. Doreen Clarke. Aquilina kompla jghid fir-rikors promotorju tieghu li biex tigi stabbilita l-estensjoni tad-drittijiet u obbligi civili tieghu, dan kellu jsir minn qorti jew awtorita` ohra mwaqqfa b'ligi li pero` ghandha tkun indipendenti u imparzjali, kif stabbilit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa qal li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma huwiex tribunal indipendenti u imparzjali. Skond Aquilina dan hu hekk – cioe` mhux indipendenti u imparzjali – ghax dan it-Tribunal hu dejjem presjedut minn avukat ezercenti, li jalterna x-xoghol tieghu ta' avukat quddiem il-qrati l-ohra (cioe` barra mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar) max-xoghol tieghu ta' gudikant ossia "gudikatur" f'dan it-Tribunal. Ir-rikorrent kompla fisser li l-gudikatur jigi nominat mill-President ta' Malta ghal zmien hames snin, li matulhom, pero`, jista' jezercita l-professjoni ta' avukat fil-qrati ordinarji, b'mod li jkun jippatrocinja partijiet kontra avukati ohra li eventwalment (dawn l-avukati l-ohra) jispiccaw quddiemu fl-imsemmi Tribunal "u b'hekk hu manifest illi ma jistax umanament ikun imparzjali meta bhala gudikatur jidhru quddiemu l-istess partijiet li kontra taghhom kien qed jagixxi bhala avukat, u dawn patrocinati minn avukati li kienu jidhru fil-kawzi *ex adverso*". Ir-rikorrent kompla fisser li "dan il-punt anti kostituzzjonali hassu l-legislatur

stess meta f'din l-istess ligi[1]…dawn il-gudikaturi huma eskluzi mix-xoghol taghhom professjonali bhala avukati meta jigu biex jippatrocinaw kawzi quddiem dan it-Tribunal tat-Talbiet [recte: ghal Talbiet] iz-Zghar [recte: Zghar] – kif jghid l-Artikolu 4(4)(b) tal-Kap. 380…". Premess dan kollu, l-imsemmi David Aquilina talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddikjara li minhabba l-fatt li huwa gie mharrek quddiem l-imsemmi Tribunal huwa qieghed isofri minn vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu kontenplat fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea; u, biex tigi zgurata l-protezzjoni tal-ligi fil-konfront tieghu li jigi "gudikat minn Qorti jew Tribunal imparzjali u indipendenti", talab li konsegwentement dik il-qorti tiddikjara nulli w inattendibbli l-Artikolu 4 u l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 380, u li taghtih kull rimedju iehor xieraq u effikaci biex tipprotegieh fid-drittijiet u obbligi tieghu civili skond il-ligi, skond il-Kostituzzjoni u skond il-Konvenzjoni Ewropea.

**2.** L-intimati Prim Ministru u Avukat Generali wiegbu – ara r-risposta taghhom tal-31 ta' Lulju 2006, fol. 7 – illi preliminarjament il-Prim Ministru ma kienx il-legittimu kontradittur f'din il-kawza, kif ukoll (dejjem preliminarjament) li l-process ma kienx integru ghax kellhom jigu kjamati fil-kawza il-konjugi Raimondo. Fil-meritu, huma taw zewg eccezzjonijiet li pero` gew irtirati fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2006 (ara fol. 71). L-intimati komplew jeccepixxu li l-argument tar-rikorrent ibbazat fuq il-fatt li gudikatur jaltera x-xoghol tieghu ta' gudikatur max-xoghol tieghu ta' avukat huwa bla bazi u nieqes minn kull fondament guridiku, u ghamlu referenza wkoll ghas-sentenza tal-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Kenneth Brincat v. Avukat Generali et** [2] li kienet ukoll ittrattat allegata inkonsistenza ma' l-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni tal-komposizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Huma sostnew li l-imparzjalita` u l-indipendenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija garantita mid-diversi disposizzjonijiet tal-Kap. 380. Finalment, kwantu ghall-Artikolu 7 tal-Kap. 380, l-

[1] Kap. 380.
[2] Deciza fl-10 ta' Jannar 2003; ara kopja ta' l-imsemmija sentenza ezibita a fol. 10 *et seq.*

imsemmija intimati sostnew li anke jekk id-decizjoni tal-gudikatur hija bbazata fuq l-ekwita` "din ma tmurx kontra l-provvedimenti tal-kostituzzjoni u tal-konvenzjoni ghax moghtija minn *'awtorita` gudikanti mwaqqfa b'ligi'* li hi indipendenti w imparzjali u d-decizjoni [taghha] hija wahda li torbot".

**Sentenza preliminari**

**3.** Permezz ta' sentenza preliminari moghtija fit-22 ta' Novembru 2006, il-Prim Awla cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u ddikjarat li l-Prim Ministru kien ukoll legittimu kontradittur f'din il-kawza; pero` laqghet it-tieni eccezzjoni u ordnat is-sejha fil-kawza tal-konjugi Raimondo (l-ispejjez baqghu riservati ghas-sentenza finali). Minn din is-sentenza ebda wahda mill-partijiet ma hi qed tappella.

**Is-sentenza appellata**

**4.** Quddiem il-Prim Awla l-partijiet skambjaw noti twal ta' osservazzjonijiet – din il-Qorti taghmilha cara li tqis xi whud mill-argumenti migjuba mill-partijiet f'dawn in-noti bhala rrelevanti stante li l-kwistjoni kollha mqajma bir-rikors promotorju kienet limitata ghall-kwistjoni dwar l-"imparzjalita`" tal-gudikatur minhabba li kien gudikant *part-time* u kien jista' jezercita l-professjoni tieghu fil-qrati u tribunali l-ohra kollha barra milli fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar – u dik il-qorti tat is-sentenza taghha finali fil-31 ta' Mejju 2007. Permezz ta' din is-sentenza dik il-qorti ddikjarat li r-rikorrent Aquilina ma sehhlux juri li qieghed jew sejjer igarrab ksur ta' xi dritt fondamentali protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni bil-proceduri li kienu gew inizjati kontra tieghu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ghalhekk cahdet it-talbiet tieghu, bl-ispejjez (inkluzi dawk konnessi mas-sentenza preliminari) kontra tieghu. Dik il-qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi din hija azzjoni maħsuba biex tistħarreġ jekk it-Tribunal, kif imwaqqaf bl-Att V tal-1995[3], jiksirx il-jeddijiet

[3] Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta

fundamentali ta' smigħ xieraq tar-rikorrent kif maħsuba fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Ir-rikorrent tħarrek biex jidher quddiem it-Tribunal, u qiegħed jgħid li dak it-Tribunal jikser il-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq għaliex it-Tribunal ma jagħtix il-garanziji ta' tribunal indipendenti w imparzjali, kif iridu l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti iqis li dan jirriżulta minħabba li l-każ tiegħu se jinstama' minn ġudikatur li huwa avukat li, meta ma jkunx qed jisma' l-każijiet fit-Tribunal, jista' jipprattika l-professjoni legali għal rasu. Minbarra f'dan, hemm il-fatt li l-ġudikaturi jinħatru għal żmien determinat, u li, fl-għoti tad-deċiżjonijiet tagħhom, jiddeċiedu mhux skond il-liġi imma skond l-ekwita`. Għalhekk, ir-rikorrent jisħaq li t-Tribunal ma jistax ikun wieħed imparzjali kif jitolbu kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni;

"Illi l-intimati ressqu bosta eċċezzjonijiet, uħud minnhom ta' bixra proċedurali li dwar tnejn minnhom ingħatat is-sentenza *in parte* fuq imsemmija u li dwar tnejn oħra l-intimati ma baqgħux jinsistu fuqhom. Din is-sentenza issa qegħda tqis il-kwestjoni fil-mertu tagħha;

"Illi l-kontestazzjoni fil-mertu li jressqu l-intimati (u li magħhom ingħaqdu wkoll l-imsejħin fil-kawża, li iddikjaraw li kienu qegħdin iressqu l-istess kontestazzjoni bħalma ressqu l-intimati) jikkonsistu fiċ-ċaħda waħda f'waħda tal-fondatezza tal-ilmenti tar-rikorrent. Jiċħdu l-fatt li hemm rabta bejn il-fatt li ġudikatur tat-Tribunal ikun ukoll avukat li għadu jipprattika l-professjoni u l-imparzjalita` mistennija minn dak il-ġudikatur meta jkun qed imexxi t-Tribunal. Isemmu bosta partijiet mil-liġi speċjali[4] li, fil-fehma tagħhom, iħarsu l-prinċipji tas-smigħ xieraq u imparzjali tat-Tribunal. Isemmu wkoll deċiżjoni maqtugħa minn din l-istess Qorti (diversament presjeduta) li kienet warrbet ilmenti bħal dawk li qiegħed iressaq ir-rikorrent f'din il-kawża. U, fl-aħħarnett, jiċħdu wkoll li l-fatt li l-liġi speċjali tagħti lit-Tribunal is-setgħa li "jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skond l-ekwita`"

[4] L-Att ta' l-1995 dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar

b'daqshekk biss tfisser li l-istess Tribunal ma jiddirimix il-kwestjonijiet li jkollu quddiemu skond il-liġi;

"Illi huwa minnu li l-kwestjoni dwar jekk it-Tribunal (u, b'mod partikolari, il-qagħda tal-ġudikaturi li jmexxuh) iwettaqx kif għandu jkun il-garanziji bażiċi mistennija ta' tribunal imparzjali w indipendenti u dwar smigħ xieraq diġa` ġiet mistħarrġa mill-Qrati tagħna wkoll fis-sede "kostituzzjonali" tagħhom u ngħataw sentenzi f'dan ir-rigward. Joħroġ ukoll li l-imsemmija sentenzi sabu mhux mistħoqqa l-ilmenti dwar ksur ta' jedd għal smigħ xieraq. Dan, imma, mhux mingħajr riżervi[5];

"Illi l-ilmenti tar-rikorrent jidher li huma immirati għal żewġ dispożizzjonijiet partikolari tal-Kap 380. Dawn huma l-artikolu 4 u l-artikolu 7(1) ta' dak l-Att. Iħares lejn tal-ewwel biex jattakka l-imparzjalita` tat-Tribunal, filwaqt li jħares lejn it-tieni biex jattakka l-kriterji li fuqhom it-Tribunal għandu jagħti d-deċiżjonijiet tiegħu (x'aktarx ukoll b'rabta mal-kwistjoni tal-imparzjalita`);

"Illi l-artikolu 4 jgħid li huwa Ġudikatur li jippresjedi t-Tribunal[6] u li tali dan jinħatar mill-President fuq parir tal-Prim Ministru minn fost avukati li jkunu ilhom jipprattikaw il-professjoni tagħhom b'kollox għal żmien ta' mhux anqas minn seba' (7) snin[7]. Il-liġi taħseb ukoll fil-ħatra ta' għadd ta' ġudikaturi, wieħed għal kull wieħed mit-Tribunali li jistgħu jitwaqqfu. L-ebda persuna li tkun Membru tal-Kamra tad-Deputati, jew f'Kunsill Lokali, u l-ebda persuna li tkun falluta mhux meħlusa jew li tkun ingħatat sentenza ta' priġunerija għal xi żmien jew tkun instabet ħatja ta' reat kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja jew amministrazzjoni pubblika oħra, reat kontra l-fiduċja pubblika jew reat kontra l-kummerċ pubbliku ma tista' tkun ġudikatur tat-Tribunal[8]. L-onorarju tal-ġudikatur hu stabbilit mill-Prim Ministru kif avżat fil-Gażżetta tal-Gvern u jitħallas mill-Fond Konsolidat, u ma tistax titnaqqas tul

---

[5] Ara, b'mod partikolari, P.A. (Kost.) GCD **26.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Caruana vs L-Onorevoli Prim Ministru et*** (li tinsab imħollija għas-sentenza għas-6.7.2007 quddiem il-Qorti Kostituzzjonali) u li wkoll ċaħdet talba li tixbah lil din li saret fil-kawża tal-lum

[6] Art. 4(1) tal-Kap 380

[7] Art. 4(2) tal-Kap 380

[8] Art. 4(3) tal-Kap 380

iż-żmien kollu li l-persuna tkun qegħda sservi bħala ġudikatur[9]. Hekk ukoll l-ebda persuna maħtura biex isservi bħala ġudikatur, u sakemm tkun għadha hekk isservi, ma tista' taħdem bħala avukat quddiem it-Tribunal[10]. Persuna tinħatar bħala ġudikatur għal żmien ta' ħames (5) snin li ma jiġġeddidx mal-għeluq[11]. Il-liġi taħseb ukoll fil-ħatra temporanja ta' ġudikatur/i minflok ġudikatur ieħor li jkun temm il-ħatra tiegħu jew ma jkunx jista' aktar iwettaqha[12]. Sakemm ġudikatur ikun qiegħed fil-ħatra, fit-twettiq ta' dmirijietu ma jindaħallu ħadd, u jista' biss jitneħħa mill-ħatra kif imfisser fl-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni[13];

"Illi l-artikolu 7(1) jistabilixxi r-regola li t-Tribunal għandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skond l-ekwita`: Imma f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skond il-liġi;

**"A) <u>Konsiderazzjonijiet dwar l-imparzjalita` tat-Tribunal</u> (Art. 4).**

"Illi r-rikorrent jgħid li l-ilment tiegħu kollu jissawwar madwar l-argument li jeżisti "nuqqas essenzjali ta' imparzjalita` fit-Tribunal kif kostitwit fil-Kapitolu 380 tal-Liġijiet". Jara dan in-nuqqas fil-fatt li ġudikatur jista', fl-istess jum li jkun qed iservi bħala president tat-Tribunal, ikun diġa` deher u ħadem bħala avukat quddiem il-qrati, bir-riżultat li se jkun qiegħed jgħaddi ġudizzju fuq każ ta' avukat ieħor li seta' kien jissielet kontra tiegħu f'dawk il-kawżi. Lil avukat li jeżerċita **biss** il-professjoni, dan jista' jkun ta' żvantaġġ, billi "f'ambjent żgħir bħalma huwa tagħna (jiġifieri f'Malta), minnha nnifisha toħloq sitwazzjoni ta' parzjalita` psikoloġika, anke jekk inkonxja, f'dak li jrid jiġġudika fil-konfront ta' avukat li, ftit sigħat qabel, kien qed jippatroċina l-kawża kontra tiegħu". "Ir-rikorrent iqis din is-sitwazzjoni hija konsiderazzjoni maġġuri li **tista'** tolqot il-valur tal-imparzjalita` b'mod li "tassumi l-aspett **oġġettiv**

---

[9] Art. 4(4)((a) tal-Kap 380
[10] Art. 4(4)(b) tal-Kap 380
[11] Art. 4(5) tal-Kap 380
[12] Proviso għall-art. 4(5) tal-Kap 380
[13] Art. 4(6) tal-Kap 380

tal-kwestjoni tal-imparzjalita`, imma kważi dejjem tolqot l-aspett **soġġettiv** tagħha";

"Illi r-rikorrent jara li l-Kap 380 jitlob mill-ġudikatur "imparzjalita` li umanament mhix possibbli", u dan għaliex ladarba l-għadd ta' avukati li jaħdmu fil-Qrati huwa wieħed relattivament żgħir, jitnisslu bejniethom nisġa ta' simpatiji u antipatiji li ma tistax ma tinħassx meta l-ġudikatur u l-avukati li jidhru quddiemu jerġgħu jiġu wiċċ imb'wiċċ fit-Tribunal. U minħabba li l-ħatra ta' ġudikaturi hija waħda "*part time*", u ma tistax terġa' tiġġedded, il-ħatra ta' aktar ġudikaturi minn fost il-"*pool*" ta' avukati prattikanti, tkompli tħarrax il-possibilita` tal-imparzjalita`. Huwa jqis li din il-parzjalita` suġġettiva tinħass iżjed fejn il-ġudikatur ikun jaħdem bħala avukat minn uffiċċju fejn bosta avukati jagħtu s-servizzi tagħhom mill-istess uffiċċju jew ditta legali. Iżid jgħid ukoll li jekk dan il-fatt ma jkunx magħruf lill-avukat tal-parti li tidher quddiem it-Tribunal, il-ħsara taf tkun akbar;

"Illi l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni li fuqu r-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu jistabilixxi r-regola bażilari li kull qorti jew awtorita` oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti w imparzjali. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li r-rikorrent ukoll isejjaħ favurih fl-ilment imressaq minnu, fl-ewwel sentenza tal-ewwel sub-inċiż tiegħu, juża prattikament l-istess kliem dwar proċedimenti li jiddeterminaw xi jedd ċivili;

"Illi jista' jingħad li l-garanziji minimi msemmija fl-artikolu 6(1) huma l-anqas garanziji li persuna li jkollha l-jedd ta' aċċess għal qorti għandha x'tistenna li tingħata fil-proċediment li tkun imdaħħla fihom: Ingħad b'awtorita` mill-Qorti ta' Strasburgu li l-jedd għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti w imparzjali huwa wieħed miftuħ, mogħni bil-possibilita` li jiġbor fih jeddijiet oħrajn li dak l-artikolu speċifikatament ma jsemmix[14]. Fost dawn, wieħed isib id-dritt għall-prinċipju tal-"*equality of arms*"[15];

[14] Ara Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 202-3

[15] Ara ECHR **17.1.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Delcourt vs Belġju*** (Applik. Nru. 2689/65) par 28; u **16.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Rowe and Davis vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 28901/95) par 60-2

"Illi bl-istess mod jingħad li għalkemm l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jiggarantix jedd ta' appell minn sentenza tal-ewwel grad, jekk kemm-il darba Stat jagħżel li jinkorpora tali jedd fis-sistema ġuridiku tiegħu, allura l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika għal dik il-Qorti wkoll[16]. Ta' min jgħid li minn deċiżjoni tat-Tribunal hemm dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell, fost l-oħrajn, f'każijiet fejn it-Tribunal ikun naqas sewwa mit-tħaris tar-regoli tal-imparzjalita` u tal-ekwita`[17];

"Illi jista' jinghad li l-ilment fondamentali tar-rikorrent huwa dak li jara imparzjalita` [recte: nuqqas ta' imparzjalita`] kostitutiva fit-Tribunal. Mis-sottomissjonijiet tiegħu, ma jidhirx li r-rikorrent għandu xi lment dwar l-indipendenza kostitutiva tat-Tribunal. Iżda kif jgħidu kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-konvenzjoni, ir-rekwiżiti tal-indipendenza u tal-imparzjalita` għall-finijiet tat-tħaris tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq huma ħtiġijiet kumulativi u mhux sempliċement alternativi, u bejniethom u l-garanziji li jiġġeneraw hemm rabta sfiqa[18]. Dan għaliex jekk qorti ma tkunx indipendenti mil-Eżekuttiv, ma jistax li tkun qorti imparzjali. Izda jista' jkollok qorti li tkun indipendenti kostitutivament li, madankollu, ma tkunx imparzjali. L-imparzjalita` [recte: In-nuqqas ta' imparzjalita`] kostitutiva li r-rikorrent jara fit-Tribunal gejja mill-fatt li l-ġudikatur li jmexxih huwa wkoll, x'aktarx, avukat li f'ħinijiet oħra jeżerċita l-professjoni legali;

"Illi r-rikorrent jisħaq[19] li l-fatt waħdu li ġudikatur tat-Tribunal jibqagħlu l-jedd li jaħdem privatament ta' avukat matul iż-żmien li jkun ukoll maħtur ġudikatur, hu biżżejjed biex jippreġudika l-pożizzjoni ta' imparzjalita` u ta' indipendenza tiegħu. Iżid jgħid li dan ifisser waqgħa sostanzjali mil-livell ta' imparzjalita` u indipendenza mistennija, l-iżjed meta wieħed iqabbel din iċ-ċirkostanza mal-ġurament tal-ħatra li jieħu mħallef[20] jew maġistrat[21].

---

[16] Harris, O'Boyle & Warbrick, o*p. cit.*, paġ. 240
[17] Art. 8(2)(d) tal-Kap 380
[18] ECHR **27.8.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Demicoli vs Malta*** (Applik. Nru. 13057/87), par. 37, 39
[19] Nota tiegħu 26.4.2007, f'paġġ. 122-3 tal-proċess
[20] Art. 10(1) tal-Kap 12. Ara wkoll artt. 8 u 9 tal-Kap 12
[21] Art. 15 tal-Kap 12

Huwa jqis li l-prattika tal-professjoni u l-eżerċizzju tal-ħatra ta' ġudikatur imparzjali ma joqogħdux flimkien. Min-naha taghhom, l-intimati jressqu argumenti biex juru li l-hatra ta' gudikanti fuq bazi *"part-time"* bla telfien tal-jedd li jkomplu jipprattikaw il-professjoni ma titqiesx bhala sinjal tal-imparzjalita` [recte: tan-nuqqas ta' imparzjalita`] taghhom. Dan jagħmluh kemm b'riferenzi għal deċiżjonijiet ta qrati nazzjonali ta' ġurisdizzjonijiet oħrajn u kif ukoll b'riferenza għal deċiżjonijiet tal-Qorti fi Strasburgu. Din il-Qorti żżid tosserva li lanqas fil-każ ta' Malta ma hemm inkompatibilita` assoluta bejn li wieħed ikun imħallef jew maġistrat u l-fatt li wieħed jaġixxi ta' avukat jew jagħti pariri fuq kawża li nbdiet jew li hu maħsub li sejra tinbeda, ladarba jinkiseb il-permess meħtieġ biex jagħmel dan[22];

"Illi meta wieħed jiġi biex iqis kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni b'rabta ma' l-istħarriġ tal-kwistjoni tal-imparzjalita`, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu (dak li huwa magħruf bħala "*the 'trial as a whole' approach*"[23]), magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-partijiet li jersqu quddiemha kienu ttrattati u mħarsin mill-istess qorti[24];

"Illi jidher li meta quddiem il-Qrati Maltin[25] tqanqlet il-kwistjoni tal-parzjalita` ta' ġudikant bħala okkażjoni ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, kellu jintwera għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li, fil-każ partikolari, jkunu jirriżultaw flimkien żewġ kwalitajiet ta' parzjalita`, jiġifieri dik suġġettiva u dik oġġettiva. B'tal-ewwel, wieħed jifhem id-dispożizzjoni u konvinċiment partikolari tal-ġudikant li jkun, u, b'tat-tieni, jekk il-ġudikant li jkun kienx jagħti garanziji biżżejjed li jneħħi kull dubju leġittimu li l-konvinċiment personali tiegħu fil-każ ma kienx wieħed

---

[22] Ara art. 8(1) tal-Kap 12
[23] ECHR **23.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Stanford vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 16757/90) par 24
[24] Ara Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)
[25] Ara Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Xavier Mifsud vs Avukat Ġenerali***

suspett[26]. Minħabba li teżisti l-presunzjoni li ġudikant huwa imparzjali sakemm ma jintweriex mod ieħor[27], min jallega l-parzjalita` ta' ġudikant irid jipprova tali parzjalita` fil-fatt u mhux biss iqanqal dubju leġittimu b'inferenza jew sempliċi biżgħa[28];

"Illi dwar dan ikollu jingħad li m'huwiex biżżejjed li dan il-kriterju ta' imparzjalita` jissemma bħala sempliċi suspett: Jeħtieġ li jkun ippruvat kif imiss. Kulħadd jista' jidħollu suspett li l-ġudikant li jkun ta sentenza li l-eżitu tagħha ma jintgħoġobx minn xi parti, sata' ma kienx imparzjali. Imma dan m'huwiex biżżejjed biex iwassal għas-sejbien ta' ċirkostanza ta' imparzjalita` jew ta' smigħ xieraq. Kif ingħad mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'deċiżjoni li kienet tirrigwarda l-aspett ta' smigħ xieraq f'dak li għandu x'jaqsam ma' mġiba fis-smigħ ta' kawża (*conduct of proceedings*): "*The Court has already stressed on numerous occasions the importance of appearances in the administration of justice, but it has at the same time made clear that the standpoint of the persons concerned is not in itself decisive. The misgivings of the individuals before the courts, for instance with regard to the fairness of the proceedings, must in addition be capable of being held to be objectively justified*"[29];

"Illi, għal dak li jirrigwarda t-test suġġettiv, ingħad li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju jew illużjoni li l-prova tal-imparzjalita` suġġettiva tal-ġudikant m'hijiex waħda faċli li titwettaq għal min jallegaha[30]. Imma b'danakollu, hija prova li trid issir u ssir fil-grad lil hinn minn sempliċi konġettura jew suspett;

"Illi r-rikorrent iseħħlu jagħti tixbiha tajba ta' numru ta' ċirkostanzi li jistgħu probabbilment jinħolqu kemm-il darba

---

[26] Dan jaqbel ukoll ma' dak deċiż mill-QEDB fl-**10.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Thomann vs Svizzera*** (Applik. Nru. 17602/91) f'par. 30; u fis-**26.8.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***De Haan vs Olanda*** (Applik. Nru. 22839/93) par 49

[27] ECHR **23.6.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***LeCompte, van Leuven and De Meyere vs Beġju*** (Applik. Nru. 6878/75) par 58

[28] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.*, paġ. 235

[29] ECHR **19.4.1993** fil-kawża ***Kraska vs Svizzera*** (Applik. Nru. 13942/88) par 32; u ara wkoll ECHR **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Piersack vs Belġju*** (Applik. Nru. 8692/79) par 30; u ECHR **24 .5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Hauschildt vs Danimarka*** (Applik. Nru. 10486/83) par 46-8

[30] Ara ECHR **9.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Sander vs Renju Unit.*** (Applik. Nru. 34129/96) par 25-34

u bla ħsieb ta' xejn fil-kuntest tal-prattika professjonali f'Malta b'mod in ġenerali, u tal-ġudikaturi li jagħmlu parti minn din is-sistema in partikolari. Għalkemm ipotetiċi għall-każ attwali, m'humiex ċirkostanzi għal kollox wisq 'il bogħod mill-immaġinabbli. Dan ix-xenarju kien ta' tħassib ukoll għal din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenzi ***Brincat*** u ***Caruana*** fuq imsemmija;

"Illi din il-Qorti tagħraf is-siwi tat-tħassib li juri r-rikorrent u għandha l-fehmiet tagħha dwar x'kien ikun forsi aktar mixtieq jew rakkomandabbli f'dan l-aspett. Iżda hija tara wkoll li, f'kull waħda mix-xenarji li huwa jipprospetta, is-sistema proċedurali li hu mfassal biex iħaddem it-Tribunal jagħti rimedju minnu nnifsu. F'dan il-każ, il-Qorti qegħda tirreferi għall-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni[31] tal-ġudikatur li tipprovdi għalihom l-istess liġi speċjali li taħtha huwa mwaqqaf it-Tribunal[32]. Qegħda tirreferi wkoll għall-istħarriġ ġudizzjarju li t-Tribunal, bħal kull tribunal ieħor maħluq minn liġi, jista' jkun suġġett għalih b'azzjoni maħsuba għal hekk[33]. Wieħed jagħmel sewwa li jżomm quddiem għajnejh li wieħed mis-sisien li fuqhom tinbena l-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju huwa sewwasew il-ħarsien tar-regola kontra l-parzjalita` tal-ġudikant li hi, wara kollox, il-qofol tal-ilment tar-rikorrent f'din il-kawża;

"Illi fiż-żewġ każijiet dawn ir-rimedji jkunu jistgħu jintużaw biss u meta jirriżulta b'mod konkret, fil-każ partikolari li jkun, in-nuqqas li jagħti lok għal rimedju bħal dak. Jiġifieri, dawn huma rimedji "ordinarji" disponibbli lill-parti meta u jekk fil-fatt ikun seħħ in-nuqqas. Imma, fl-istess waqt, huma rimedji effettivi u b'saħħithom biżżejjed biex iġibu fix-xejn kull nuqqas proċedurali li b'xi mod ikun marbut ma' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.[34] Hawn ukoll, għalhekk, din il-Qorti ssib li r-raġunijiet li ngħataw fis-sentenzi hawn fuq imsemmija – jiġifieri, l-għoti tar-rimedju ordinarju jeżisti meta u jekk isseħħ iċ-ċirkostanza waqt is-smigħ tal-każ – għandhom jgħoddu għal dan il-każ ukoll.

---

[31] Ara wkoll ***Clancy vs Dempsey Caird*** (2000) ScotCS, par. 10 (imsemmi mill-intimati fin-Nota tagħhom)
[32] Art. 5 tal-Kap 380
[33] App. Inf. **11.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Degiorgio vs Dennis Mifsud***
[34] Ara ECHR **21.9.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Fayed vs Renju Unit*** (Applik. Nru 17101/90) , f'par. 53

Hawnhekk jidher li s-sottomisjonijiet tal-intimati[35] jagħtu apprezzament aktar b'saħħtu tal-qagħda legali u l-Qorti ma ssibx għaliex m'għandhiex tagħmilhom il-fehmiet tagħha wkoll. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda argument ġdid jew fatt ta' siwi biex iwassal lil din il-Qorti turi fehma oħra;

"Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-artikolu 4 tal-Att V tal-1995 jista' jitqies bla siwi w inattendibbli, kif qiegħed jitlob ir-rikorrent, u t-talba tiegħu f'dan ir-rigward m'hijiex sejra tintlaqa';

**"B) Konsiderazzjonijiet dwar il-kriterji li fuqhom it-Tribunal jaqta' l-kawżi (Art. 7)**

"Illi r-rikorrent qiegħed iressaq l-ilment tiegħu ukoll fuq il-ħtieġa li l-jedd għal smigħ xieraq jitlob ukoll li "tiġi żgurata l-protezzjoni tal-liġi fil-konfront tiegħu". Il-Qorti tqis li r-rikorrent ma jressaq l-ebda sottomissjoni jew argument biex juri għaliex jew kif l-artikolu 7 tal-Kap 380 jikser dan il-jedd fundamentali. Lanqas ma juri kif dan l-artikolu jintrabat b'xi mod mal-artikolu 4, jew għal liema raġuni jemmen li l-artikolu 7 ma jiswiex u huwa inattendibbli. L-intimati wkoll ma jsemmu xejn dwar dan fis-sottomissjonijiet tagħhom (x'aktarx għaliex dawn kienu bi tweġiba biss għal dawk magħmulin mir-rikorrent);

"Illi l-fatt li t-Tribunal għandu jaqta' l-każijiet li jitressqu quddiemu prinċipalment skond l-ekwita` ma jneħħix il-ħtieġa li l-istess Tribunal japplika l-liġi jew jinjoraha[36]. L-ekwita`, minnha nnifisha trid li jsir ħaqq u li jekk ikun jeżisti xi dritt li joħroġ minn obbligazzjoni valida jew minn xi patt miftiehem bejn il-partijiet, l-ekwita` titlob li dak il-jedd jitħares u li jekk tribunal, għal raġunijiet li mqar jistgħu jkunu tajbin f'għajnejh, jonqos li jagħmel dan, ikun wettaq illegalita'[37]. Il-kunċett tal-ekwita` jimplika l-interpretazzjoni integrattiva, jiġifieri t-tfittxija ta' soluzzjoni li tkun taqbel mal-ispirtu u għall-għanijiet li jħarsu l-interessi li l-partijiet

---

[35] Ara paġġ. 102-9 tal-proċess

[36] App. Ċiv. **27.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Caruana*** (mhix pubblikata)

[37] App. **3.12.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***The Performing Rights Society Ltd vs Fenech*** (mhix pubblikata)

jkunu ħolqu bejniethom fil-każ konkret[38]. Huwa mistenni wkoll li t-Tribunal iwettaq dan l-eżerċizzju billi joqgħod għall-fatti li jitressqu quddiemu u li jqishom fil-qafas tal-istess fatti u fil-parametri tal-prinċipji legali li jgħoddu għalihom[39]. Ingħad ukoll li l-liġi tat is-setgħa lit-Tribunal li jaqta' l-każijiet prinċipalment skond l-ekwita` biex jagħmel tajjeb fejn tonqos il-prova preċiża għad-determinazzjoni tal-att li jkun jew tal-ħsara mġarrba minnu, iżda ma għandux iservi biex jeħles lill-parti attriċi mill-piż li tressaq il-provi li tista' jew li ġġib 'il quddiem elementi tajbin biżżejjed biex issostni l-pretenzjoni tagħha[40];

"Illi minn eżami ta' dawn il-prinċipji, ma joħroġ bl-ebda mod kif id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(1) tal-Kap 380 qegħdin b'xi mod iwaqqgħu l-garanzija ta' smigħ xieraq li minnha jilmenta r-rikorrent. Hawn ukoll, bħalma ngħad dwar l-ilment l-ieħor tiegħu, il-liġi nnifisha tagħti protezzjoni f'każ li, tabilħaqq, iseħħ xi ksur ta' din ir-regola min-naħa tat-Tribunal;

"Illi għalhekk, lanqas f'dan il-każ ma tidher mistħoqqa t-talba tar-rikorrent biex l-artikolu 7(1) tal-Kap 380 jitqies bla siwi u inattendibbli;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

"**Tiddikjara** li r-rikorrent ma seħħlux juri li qiegħed jew sejjer iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif maħsub fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni minħabba l-fatt li huwa ġie mħarrek biex jidher quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar;

"Għalhekk, **tiċħad it-tieni talba tiegħu** biex tiddikjara nulli u mhux attendibbli l-artikoli 4 u 7(1) tal-Att V tal-1995 (Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta); u

"**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-intimati u tal-imsejħin fil-kawża; u

---

[38] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***AD Ventures Ltd. vs Arcidiacono Imports Co. Ltd.***
[39] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Tonio Azzopardi vs Daniel Ċini***
[40] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Micallef vs Emmanuel Tonna***

**"Tordna** lir-rikorrent iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk tas-sentenza preliminari tat-22 ta' Novembru, 2006."

**L-appell ta' David Aquilina**

**5.** Kif diga` rajna, r-rikorrent David Aquilina appella minn din is-sentenza finali. Huwa bazikament jikkontendi li l-ewwel qorti ddecidiet hazin meta rrespingiet it-talbiet tieghu. Huwa jilmenta li l-Prim Awla ma apprezzatx sewwa illi r-rikors tieghu "ma kienx intiz ghal apprezzament soggettiv tat-Tribunal imma huwa intiz ghal apprezzament oggettiv, ossia illi oggettivament u mhux f'kaz partikolari, dan it-tribunal mhuwiex imparzjali." Huwa jghid li l-principju tal-"equality of arms", li ghalih accennat l-ewwel qorti, huwa irrelevanti ghal-lamentela tieghu, u l-fatt li hemm dritt ta' appell mid-decizjonijiet tat-Tribunal ma hux rimedju ghall-istess lamentela. Jilmenta wkoll minn dak li huwa jsejjah bhala "il-mod marginali" li bih l-ewwel qorti ittrattat il-kwistjoni tad-differenza bejn il-gurament ta' imhallef jew magistrat min-naha u dak ta' gudikatur min-naha l-ohra, u jishaq li s-semplici fatt li gudikatur jista' jaghti pariri u jidher f'kawzi ohra (cioe` mhux quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar) juri li oggettivament l-istess gudikatur ma jistax ikun imparzjali. L-appellant jilmenta illi ghalkemm huwa qatt ma allega imparzjalita` soggettiva, l-ewwel qorti rriteniet li meta fil-qrati *"tqanqlet il-kwistjoni tal-parzjalita` ta' gudikant bhala okkazzjoni ta' ksur ta' jedd ta' smigh xieraq, kellu jintwera ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li, fil-kaz partikolari, jkunu jirrizultaw flimkien zewg kwalitajiet ta' parzjalita` jigifieri dik suggettiva u dik oggettiva."* L-appellant jikkontendi li din hi esposizzjoni zbaljata tal-ligi in materja tar-rekwizit ta' imparzjalita`. Huwa jaghmel referenza ghall-kaz **Belilos v. Switzerland**, deciz mill-Qorti ta' Strasbourg fid-29 ta' April 1988[41], u jghid li "dan il-kaz ghandu jittiehed b'analogija ghas-sitwazzjoni li r-rikorrent qieghed jillamenta minnha". Lanqas ma jaqbel ir-rikorrent li jista' jkun hemm rimedju iehor, ghal sitwazzjonijiet konkreti ta' inkompatibilita` bejn

[41] Mhux 21 ta' Mejju 1987, kif erroneament indikat fir-tikors ta' appell.

il-funzjoni ta' gudikatur u l-fatt li l-istess gudikatur ikun jipprattika l-professjoni legali, fl-istitut tar-rikuza. Jghid li l-kazijiet kollha kkwotati mill-intimati jirrigwardaw tribunali b'gurisdizzjoni specjali u limitata, mentri t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu kompetenza generali civili. Kwantu ghall-kwistjoni tal-kriterju ta' l-ekwita` l-appellant jghid hekk: "Huwa veru li l-appellant jidhirlu li l-gudikaturi huma awtorizzati li jaqtghu l-kawzi b'ekwita` tirrendi *(sic!)* t-Tribunal f'wiehed diskrezzjonali li mhuwiex markat b'regoli stabbli u fissi, u dan joffuska l-kritika li talvolta tista' ssir li turi l-parzjalita` b'referenza ghan-nuqqas ta' referenza ghar-regoli tal-ligi ghaliex is-sentenza tkun ibbazata fuq l-ekwita`. Huwa veru wkoll illi din il-kwistjoni thalliet barra mis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti u ghalhekk ir-rikorrenti ma jhossux li huwa gust da parti tieghu li jikkritika dak li hemm fuq hekk fis-sentenza appellata ghalkemm sfortunatament hemm x'jinghad, u hafna, fuq dak li rriteniet l-ewwel qorti fir-rigward." L-ahhar ilment ta' l-appellant huwa dwar l-ispejjez riferibbilment ghal dik il-parti tas-sentenza preliminari fejn l-eccezzjoni tal-intimati giet michuda; huwa jghid li fi kwalunkwe kaz ma kellux jehel l-ispejjez ta' dik il-parti.

**6.** L-intimati Prim Ministru u Avukat Generali rribattew dawn l-ilmenti fir-risposta taghhom, u maghhom issiehbu wkoll il-kjamati fil-kawza.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

**7.** Din il-Qorti tibda biex tghid li huwa minnu li l-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, jidher li qalet certi affarijiet li ma humiex ghal kollox korretti jew precizi. Hekk, per ezempju meta rriteniet li *"…meta quddiem il-Qrati Maltin tqanqlet kwistjoni tal-parzjalita` ta' gudikant bhala okkazjoni ta' ksur ta' jedd ghal smigh xieraq, kellu jintwera a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li, fil-kaz partikolari, jkunu jirrizultaw flimkien zewg kwalitajiet ta' parzjalita` jigifieri dik suggettiva u dik oggettiva."* Jekk b'din is-sentenza l-ewwel qorti riedet tghid li biex ikun hemm nuqqas ta' imparzjalita` -- li allura jaghti lok ghal nuqqas ta' smigh xieraq -- irid ikun hemm <u>kemm</u> parzjalita` soggettiva <u>kif ukoll</u> parzjalita` oggettiva, dan certament ma jammontax ghal esposizzjoni

korretta tal-ligi, ghax jew wahda jew l-ohra wahedhom huma bizzejjed. Pero` din il-Qorti hi tal-fehma li aktar milli wiehed joqghod jipprova janalizza kull kelma u frazi li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, ikun aktar utili illi wiehed imur mill-ewwel ghall-qofol tal-kwistjoni ventiliata mill-appellant Aquilina fir-rikors promotorju tieghu u jara jekk ic-cahda tal-talbiet tieghu mill-Prim Awla kinitx gustifikata.

**8.** Minn x'hiex ilmenta l-appellant fir-rikors promotorju tieghu tal-14 ta' Lulju 2006? Huwa car – anke meta wiehed jaqra wkoll ir-rikors ta' appell – li l-appellant ma hux jilmenta mill-indipendenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, ossia li dan it-Tribunal ma hux indipendenti mill-Ezekuttiv jew minn kwalsiasi awtorita` jew setgha ohra fil-pajjiz, jew mill-partijiet. Anqas ma hu jilmenta mill-imparzjalita` soggettiva tat-tribunal li quddiemu kellu jidher, cioe` mhux jilmenta li l-gudikatur f'dak il-kaz (li kellha tkun l-Avukata, illum Magistrat, Dott. Doreen Clarke) kienet personalment ixxaqleb lejn naha jew ohra. Huwa qed jilmenta biss mill-imparzjalita` oggettiva tat-Tribunal – u independentement mill- fattispeci tal-kaz tieghu – peress li jikkontendi li kif inhu kostitwit dan it-Tribunal, b'gudikant li huwa *part-time* u li jista' jipprattika l-professjoni legali tieghu fil-qrati u tribunali kollha minbarra fi u quddiem l-istess Tribunal ghal Talbiet Zghar, dan it-tribunal ma jaghtix garanzija adegwata li huwa imparzjali. L-imparzjalita` oggettiva, jew in-nuqqas taghha, ta' qorti jew tribunal giet b'mod konciz imfissra hekk mill-awturi van Dijk u van Hoof fil-ktieb taghhom ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** [42]:

**"The objective approach refers to the question whether the way in which the tribunal is composed and organised, or whether a certain coincidence or succession of functions of one of its members, may give rise to doubt as to the impartiality of the tribunal or that member. If there is reason for such doubt, even if subjectively there is no concrete indication of**

---

[42] Kluwer Law Intenational (The Hague), 1998.

**partiality of the person in question, this already amounts to an inadmissible jeopardy of the confidence which the court must inspire in a democratic society. The fear that the tribunal or a particular judge lacks impartiality must 'be held to be objectively justified', so the stand point of the accused on this matter, although important, is not decisive."** [43]

**9.** Issa, ma hemmx dubju li wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mat-twaqqif tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, twaqqif li sehh fl-1995. Dan it-Tribunal twaqqaf principalment biex, flok ma jizdied in-numru ta' gudikanti ordinarji – imhallfin u magistrati, pero` principalment magistrati – biex jiehdu hsieb in-numru kbir ta' kawzi fil-qrati, l-Ezekuttiv iddecieda li johrog barra mis-sistema tal-qrati ordinarji numru limitat ta' kawzi, u cioe` dawk fejn it-talba tkun biss tirreferi ghal ammont ta' flus u fejn l-ammont ta' flus hekk mitlub huwa meqjus li huwa "zghir" (ma jeccedix certu ammont). Kif gustament osservat *passim* il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Kenneth Brincat v. L-Avukat Generali et**, *supra*, is-sistema li nholqot, cioe` dik tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar presjedut minn gudikatur li jkun in effetti gudikant *part-time*, ma hiex neccessarjament l-ahjar soluzzjoni. In fatti l-uniku vantagg li din il-Qorti, kif illum komposta, tara f'dan it-tribunal huwa li x-xoghol ta' gudikatur iservi bhala forma ta' tirocinju ghal dawk li ghada pitghada jistghu jkunu magistrati u imhallfin. Pero` hemm differenza kbira bejn li wiehed ighid li l-affarijiet setghu jew jistghu jkunu ahjar u li jghid li it-Tribunal kif kostitwit ma jaghtix il-garanzija ta' imparzjalita` oggettiva.

**10.** Il-Kostituzzjoni ta' Malta, filwaqt li tistabilixxi l-qrati ordinarji, cioe` dawk presjeduti minn imhallfin u magistrati, ma teskludix li decizjonijiet "dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili" jittiehdu minn awtorita` ohra gudikanti li ma tkunx qorti, purche` li din l-awtorita` ohra tkun "indipendenti u imparzjali" – ara l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni[44]. Fil-fehma ta' din il-Qorti

---

[43] *op.cit.* pages 454-455.

[44] L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jitkellem b'mod generiku dwar "tribunal indipendenti u imparzjali" – kelma li giet dejjem interpretata bhala li tinkludi anke dawk li ma humiex

ma jistax ikun hemm dubju li l-ahjar garanzija ta' indipendenza w imparzjalita` hija moghtija mill-qrati ordinarji, b'gudikanti *full-time* li huma dedikati esklussivament ghall-funzjoni aggudikattiva, li ma jistghux jahdmu ta' avukati jew arbitri (hlief fil-kazijiet eccezzjonali imsemmija fil-ligi, u bil-permessi skond il-ligi – ara l-Artikolu 10(1) tal-Kap. 12), u li huma marbuta wkoll b'kodici ta' etika li jissuplixxi fejn il-ligi principali tista' tkun mankanti. Pero` il-fatt wahdu, u *in abstracto*, li gudikant, bhalma huma gudikaturi tat-Tribunal, jista' jkompli jipprattika il-professjoni legali tieghu hlief in konnessjoni ma' kazijiet quddiem it-Tribunal (Art. 4(4)(b), Kap. 380), ma jfissirx necessarjament li tigi nieqsa l-imparzjalita` oggettiva tat-Tribunal. F'dan is-sens esprimiet ruhha wkoll il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Kenneth Brincat v. L-Avukat Generali et** li diga` saret referenza ghaliha[45]. Veru li Malta hija zghira u kulhadd jaf lil xulxin, u li hemm hafna okkazjonijiet, mhux biss ghal gudikaturi izda anke ghall-imhallfin u ghall-magistrati, li jiltaqghu socjalment ma' avukati – haga fiha nnifisha innokwa. Dak li qed jilmenta minnu, pero`, l-appellant huwa l-fatt li avukat illum jista' jkun qieghed jikkontesta kawza f'qorti ordinarja fejn l-avukat *ex adverso* huwa Dott "X", u ghada l-istess avukat ikun qed jiddeciedi kawza bhala gudikatur fejn wiehed

---

il-qrati ordinarji tal-pajjiz: "For the notion of 'tribunal' it is essential that there exists a power to decide matters 'on the basis of rules of law, following proceedings conducted in a prescribed manner' and a power to set aside the decisions of the bodies below 'on questions of law and fact'. The decision taken by the tribunal may not be deprived of its effects by a non-judicial authority to the disadvantage of the individual party." – ara van Dijk u van Hoof, *op.cit.* p. 541. Fil-kaz **Belilos v. Switzerland**, imsemmi mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, il-Qorti ta' Strasbourg qalet hekk: *"64. According to the Court's case-law, a "tribunal" is characterised in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner (see, as the most recent authority, the judgment of 30 November 1987 in the case of H v Belgium, Series A no. 127, p. 34, § 50). It must also satisfy a series of further requirements - independence, in particular of the executive; impartiality; duration of its members' terms of office; guarantees afforded by its procedure - several of which appear in the text of Article 6 § 1 (art. 6-1) itself (see, inter alia, the Le Compte, Van Leuven and De Meyere judgment of 23 June 1981, Series A no. 43, p. 24, § 55).*

[45] Dik il-qorti qalet hekk: "Illi wara li l-Qorti rat dawn l-artikoli tasal ghall-konkluzjoni illi ghalkemm ikun ahjar u forsi anke ideali li kieku l-gudikatur kellu jkun *full-time*, anke peress li ma hemm l-ebda dubju li quddiem l-istess Tribunal qed jigu trattati decizjonijiet dwar obbligi u drittijiet civili u l-ezistenza u l-estensjoni taghhom, kazi li sa ftit zmien ilu kienu qed jigu trattati minn Gudikatur [recte: Gudikant] (Magistrat u qabel anke Imhallef) appuntat skond il-Kostituzzjoni ta' Malta, pero` dan ma jfissirx li l-fatt li l-istess gudikatur hu *part-time* jivvjola b'xi mod jew neccessarjament l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni."

mill-avukati li qed jidher quddiemu huwa proprju Dott "X". Din certament hija possibilita`. Pero` b'daqshekk tigi nieqsa l-imparzjalita` oggettiva tat-Tribunal? Fil-fehma tal-Qorti r-risposta ghandha tkun fin-negattiv. Is-semplici fatt li gudikatur fit-Tribunal ikollu quddiemu bhala avukat persuna li f'xi okkazjoni precedenti kien qed jikkontesta maghha f'qorti ohra ma jistax ragjonevolment jaghti lok ghal suspett li dak il-gudikatur ser ikun parzjali billi jxaqleb kontra t-tezi tal-parti patrocinata minn dak l-avukat. Kieku kien mod iehor, il-konvivenza civili, fl-ambitu tal-funzjonament tas-sistema gudizzjarja, ssir impossibbli ghax jekk l-argument jittiehed ghall-konkluzjoni logika tieghu, anke imhallef jew magistrat jispicca ma jkunx oggettivament imparzjali ghas-semplici fatt li meta kien avukat kellu hafna kawzi li kkontesta fil-konfront ta' dan jew dak l-avukat. Tkun differenti, per ezempju, s-sitwazzjoni jekk jirrizulta li hemm xi kwistjoni "tahraq" bejn zewg avukati (anke jekk mhux fil-kuntest ta' kawza quddiem il-qrati ordinarji) u in segwitu, u meta dik il-kwistjoni ghadha ma gietx rizolta, wiehed minnhom jispicca gudikatur u l-iehor qed jidher jippatrocinja klijent fit-Tribunal quddiem dak il-gudikatur; jew sitwazzjoni fejn avukat li jidher quddiem it-Tribunal ikun mill-istess ufficju li minnu jkun ghadu jipprattika l-gudikatur; jew wahda mill-partijiet quddiem it-Tribunal tkun qed tinghata pariri jew tkun qed tigi patrocinata, quddiem il-qrati ordinarji u f'kawza ohra, mill-gudikatur. Dawn jistghu certament ikunu sitwazzjonijiet fejn l-apparenzi jkun jirrikjedu astensjoni tal-gudikatur minhabba l-hekk imsejha "gravi ragioni di convenienza" (ara **John Mary Chircop v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, Qorti Kostituzzjonali, 4/9/2007, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dr. Patrick Vella**, Qorti ta' l-Appell Kriminali, 5/10/2006, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**, Qorti Kriminali 2/10/2000). Din il-Qorti hi konfortata f'din il-fehma taghha bid-decizjoni tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet **Wettstein v. Switzerland**, deciza fil-21 ta' Dicembru 2000. Dan kien kaz fejn quddiem Qorti Amministrattiva tnejn mill-imhallfin kienu mhallfin *part-time* u li kienu intitolati li jipprattikaw il-professjoni legali taghhom bhala avukati, ghal xi zmien anke quddiem l-istess Qorti Amministrattiva. Il-Qorti Ewropea qalet hekk:

**“41. The Court recalls at the outset that in proceedings originating in an individual application it has to confine itself, as far as possible, to a examination of the concrete case before it (see the Minelli v. Switzerland judgment of 25 March 1983, Series A no. 62, p. 17, § 35). Accordingly, in the present case there is no reason to doubt that legislation and practice on the part-time judiciary in general can be framed so as to be compatible with Article 6. What is at stake is solely the manner in which the proceedings were conducted in the applicant's case.**
**“42. According to the Court's constant case-law, when the impartiality of a tribunal for the purposes of Article 6 § 1 is being determined, regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge in a given case – the subjective approach – as well as to whether it afforded sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect – the objective approach (see the Thomann v. Switzerland judgment of 10 June 1996, *Reports of Judgments and Decisions* 1996-III, p. 815, § 30).**
**“43. As regards the subjective aspect of such impartiality, the Court notes that there was nothing to indicate in the present case any prejudice or bias on the part of judges R. and L.**
**“44. There thus remains the objective test. Here, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (see the Castillo Algar v. Spain judgment of 28 October 1998, *Reports* 1998-VIII, p. 3116, § 45). This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see the**

**Ferrantelli and Santangelo v. Italy judgment of 7 August 1996, *Reports* 1996-III, pp. 951-52, § 58).**

**“45. Turning to the present case, the Court notes that judge R. acted against the applicant in separate building proceedings as the legal representative of the Küsnacht municipality. Judges R. and L. both shared office premises with lawyer W. who had previously acted as legal representative in other building proceedings in the Kloten municipality. This situation arose in the Canton of Zürich where, as with the courts of many other cantons, the Administrative Court is composed of both full-time and part-time judges. The latter may practise as legal representatives. The Administrative Judiciary Procedure Act in force at the relevant time contained no provisions as to the incompatibility of such legal representation with judicial activities. Section 34(2) of the Act currently in force provides that part-time judges may not act as legal representatives before the Administrative Court.**

**“46. It is true that there was no material link between the applicant's case before the Administrative Court and the separate proceedings in which R. and W. acted as legal representatives. Furthermore, R. and W. had been acting as trained lawyers who were called upon to represent the interests of constantly varying parties.**

**“47. Nevertheless, the Court notes that, when on 15 February 1995 the applicant instituted the present proceedings before the Administrative Court with R. as a judge on the bench, the parallel proceedings in which R. acted as legal representative for the Küsnacht municipality against the applicant were pending before the Federal Court, which gave its decision eight months later on 24 October 1995 (see paragraph 11 above). Less than two months after these proceedings had been terminated the Administrative Court gave its judgment on 15 December 1995. There was, therefore, an overlapping in time of the two proceedings with R. in the two functions of judge, on the one hand, and of legal representative of the opposing party, on the other. As a result, in the proceedings before the Administrative Court, the applicant could have had reason for**

**concern that judge R. would continue to see in him the opposing party. In the Court's opinion this situation could have raised legitimate fears in the applicant that judge R. was not approaching his case with the requisite impartiality.**
**"48. The fact that W., an office colleague of judges R. and L., had in other proceedings represented the party opposing the applicant, while only of minor relevance, could be seen as further confirming the applicant's fear that judge R. was opposed to his case.**
**"49. In the Court's view, these circumstances serve objectively to justify the applicant's apprehension that judge R. of the Administrative Court of the Canton of Zürich lacked the necessary impartiality.**
**"50. Consequently, in the present case there has been a violation of Article 6 § 1 of the Convention as regards the requirement of an impartial tribunal."**

**11.** Karen Reid, fit-tieni edizzjoni tal-ktieb taghha ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** [46] tissintetizza l-posizzjoni hekk:

**"While there is no problem as such arising from a judge acting as a lawyer, the Court found an applicant could legitimately fear that a judge, who was acting as lawyer for another party in proceedings involving the applicant, continued to view him as the opposing party. Similarly, the fact that a judge had regular, close and financially lucrative links as a professor with the university sued by the applicant justified fears that he might lack impartiality. Involvement of a judge in a financial agreement between her husband and a bank which was a party in proceedings in which she sat was considered to disclose links of 'such a nature and amplitude' and was so close in time to the hearing of the case that the applicant could entertain reasonable fears that the court lacked the requisite impartiality."** [47]

[46] Sweet & Maxwell (London), 2004.
[47] Pagna 116, para. IIA-092.

**12.** Fil-kaz in dizamina ma hemm xejn minn dan. L-appellant – rikorrent quddiem l-ewwel qorti – qed jattakka l-imparzjalita` oggettiva tat-tribunal mhux b'referenza ghal xi cirkostanza li tolqot il-kaz partikolari tieghu, izda b'mod generali ossia fl-astratt. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, ma tarax li tista' tghid li l-appellant ghandu raguni oggettivament gustifikata biex jghid li ma kellux jew mhux ser ikollu smigh xieraq minhabba s-semplici fatt li l-gudikatur fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar jista' jipprattika ta' avukat quddiem il-qrati ordinarji u quddiem tribunali u bordijiet ohra.

**13.** Din il-Qorti tosserva wkoll li l-kaz ta' **Belilos v. Switzerland**, citat mill-appellant, ma jaghmilx ghall-kaz. Hawnhekk kellna bord – *Police Board* – maghmul minn membru wiehed, liema bord inghata funzjonijiet gudizzjarji. Biex joqghod fuq dan il-bord gie mahtur avukat mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija u li baqa' jiffunzjona bhala *civil servant* fl-istess Kwartieri Generali tal-Pulizija. Il-Qorti ta' Strasbourg qalet hekk:

**"66. However, the Police Board is given a judicial function in Vaud law and the proceedings before it are such as to enable the accused to present his defence. Its single member is appointed by the municipality, but that is not sufficient to cast doubt on the independence and impartiality of the person concerned, especially as in many Contracting States it is the executive which appoints judges.**
**"The appointed member, who is a lawyer from police headquarters, is a municipal civil servant but sits in a personal capacity and is not subject to orders in the exercise of his powers; he takes a different oath from the one taken by policemen, although the requirement of independence does not appear in the text of it; in principle he cannot be dismissed during his term of office, which lasts four years. Moreover, his personal impartiality has not been called into question in the instant case.**
**"67. Nonetheless, a number of considerations relating to the functions exercised and to internal organisation are relevant too; even appearances may**

**be important (see, mutatis mutandis, the De Cubber judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, p. 14, § 26). In Lausanne the member of the Police Board is a senior civil servant who is liable to return to other departmental duties. The ordinary citizen will tend to see him as a member of the police force subordinate to his superiors and loyal to his colleagues. A situation of this kind may undermine the confidence which must be inspired by the courts in a democratic society.**
**"In short, the applicant could legitimately have doubts as to the independence and organisational impartiality of the Police Board, which accordingly did not satisfy the requirements of Article 6 § 1 (art. 6-1) in this respect."**

**14.** Kwantu ghall-kwistjoni tal-kriterji li a bazi taghhom it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jiddeciedi l-kawzi li jkollu quddiemu -- cioe`, skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 380, l-ekwita` -- din il-Qorti frankament ma tistax tifhem kif din il-kwistjoni ta' l-ekwita` tista' tincidi fuq il-meritu tal-kawza. Apparti li l-kuncett ta' ekwita` mhux xi kuncett gdid ghas-sistema legali taghna (ara l-Artikoli 572, 993 u 1667(1) tal-Kodici Civili), il-fatt li l-gudikatur hu obbligat li jiddeciedi "<u>principalment</u> skond l-ekwita`" b'ebda mod ma jista' jinghad li jincidi, la b'mod astratt u generali u wisq anqas b'mod konkret u b'referenza ghall-partikolari, fuq l-imparzjalita` (oggettiva jew soggettiva) tal-gudikatur li jkun. L-ekwita` ma tfissirx arbitrarjeta` izda, kif korrettement spjegat fis-sentenza appellata u fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell, timplika l-interpretazzjoni integrativa, jigifieri t-tfittxja ta' soluzzjoni li tkun taqbel ma' l-ispirtu u ghall-ghanijiet li jharsu l-interessi li l-partijiet ikunu holqu bejniethom fil-kaz konkret. Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet **Paul Portelli v. Pawla Buttigieg [recte: Peter Paul Buttigieg] noe**, il-Qorti ta' l-Appell esprimiet ruhha hekk:

**"Forsi jkun aktar logiku jekk wiehed jirraguna illi f'sistema fejn il-ligi miktuba hi strument principali ta' attwazzjoni, il-kuncett ta' l-ekwita` ghandu jaspira ruhu ghar-regola ta' gudizzju li, ghalkemm mhix**

**miktuba, tikkonsenti, b'riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b'mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fattispeci. Dan bil-ghan li jigi evitat li l-gudikatur jiskonfina ruhu fl-arbitriju. Naturalment ukoll, kif drabi ohra rilevat, it-Tribunal, anke jekk ghab-bazi ta' l-ekwita`, ma ghandux dritt li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-meritu: ara f'dan is-sens s-sentenza fl-ismijiet *Blye Engineering Co Ltd -vs- Vincent Caruana*, Appell, 27 ta' Ottubru 2000."**

**15.** Fi kwalunkwe kaz, l-appellant ma jidhirx li qieghed proprjament jappella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti ghamlet l-osservazzjonijiet taghha dwar l-imsemmi Artikolu 7(1); in fatti l-appellant lealment jghid li hu "…ma jhossx li huwa gust da parti tieghu li jikkritika dak li hemm fuq hekk fis-sentenza appellata…"

**16.** L-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa dwar l-ispejjez. Hawn il-Qorti tara li l-appellant ghandu ragun. Galadarba fis-sentenza preliminari taghha tat-22 ta' Novembru 2006 kien hemm telf u rebh ghall-partijiet sa dak iz-zmien fil-kawza, l-ispejjez, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jithallsu kwantu ghal erba' partijiet minn hamsa (4/5) mill-appellant David Aquilina, u r-rimanenti kwinta parti (1/5) mill-Prim Ministru u mill-Avukat Generali solidament bejniethom.

**Decide**

**17.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell limitatament billi thassar dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-appellant (allura rikorrent) David Aquilina gie kkundannat ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza u minflok tordna li l-ispejjez kollha, ossia kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell, ghandhom jithallsu kwantu ghal erba' partijiet minn hamsa (4/5) mill-appellant David Aquilina, u r-rimanenti kwinta parti (1/5) mill-Prim Ministru u mill-Avukat Generali solidament bejniethom; izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija u cioe` fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrent u fejn laqghet l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati u tal-kjamati fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------